MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1160/2002/1

**A & B Properties Limited**

**Vs**

**Joe Spiteri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm382.50c (tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti ammont dovut ghas-servizzi medici provduti lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici izda biss relazjoni guridika ma' tobba ta' St Mark's Health Clinic.

Inoltre, Joe Spiteri qal li l-operazzjoni in kwistjoni fall totalment b'tort u htija ta' min kien involut fl-operazzjoni u s-servizz moghti pprokura dannu irreversibbli f'sahhet il-konvenut.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li Michael Mizzi qal li s-socjeta’ attrici tiggestixxi St Mark’s Health Clinic. Michael Mizzi qal li l-pazjent ma jigix informat li s-socjeta’ attrici hija responsabbli ghal Clinic.

Ikkunsidra li l-konvenut ikkonferma li kien ghamel operazzjoni f’St Mark’s Health Clinic. Ta’ dan is-servizz mediku l-konvenut ma kienx hallas. Il-konvenut qal li ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici. Il-konvenut qal li ezatt wara l-operazzjoni hu ttiehed St Lukes Hospital fejn dam xi 16 il-gurnata.

Illi l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Illi ghalkemm il-konvenut ma kienx jaf bil-fatt jirrisulta li s-socjeta’ attrici tiggestixxi u topera St Mark’s Health Clinic. Illi s-socjeta’ attrici, permezz ta’ ftehim mat-tobba u nurses, taghat servizz lil konvenut. Ghalhekk ma jistax jinghad li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jiddiferixxi l-kawza ghal konkluzzjoni tal-provi tal-partijiet.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------